# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta l-1 ta' Frar 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 857/12 TA**

**Carmelo u Maria Sacco konjuġi Sacco (ID 245965M u 177865M rispettivament)**

**vs**

**Joseph Farrugia (ID239052M) u b'digriet tad-19 ta' Frar 2019 stante l-mewt ta' Joseph Farrugia fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju ġie trasferit f'isem Emanuele Farrugia (ID 417156M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Atturi ippreżentat fit-28 ta' Awwissu 2012 u maħluf minn Carmelo Sacco fl-istess jum li permezz tiegħu talbu s-segwenti:-

"Dikjarazzjoni

1. Illi huma is-sidien ta' l-ghalqa maghrufa bhala tal-Harruba l-Kbira, sive ta' Sibjuna sive Ta' Ranzija, accessibli minn sqaq bla isem li jaghti ghal fuq Triq Ghar Hasan, Benghajsa limiti ta' Birzebbugia tal-kejl ta' circa elf mija u hamsa u ghoxrin metri kwadri (1125mk) u dan wara illi akkwistaw l-istess permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Mario Bugeja fis-16 ta'

Dicembru 1994 (dokument 'CS1'), liema art hija indikata fuq il-pjanta annessa ma' l-istess kuntratt.

2. Illi l-konvenut huwa sid ta' porzjon ta' ghalqa fil-limiti ta' Birzebbugia, kontrada 'Ta Binghajsa' jghidulha 'Tan-Nanna' jew 'Ta' Ranzija' tal-kejl ta' cirka tomna u parti wahda minn ghaxra ta' tomna cirka elf mitejn u sebgha u tletin metru kwadru (1237m2), hekk kif akkwistata permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Joseph Felix Abela fid-9 ta' Marzu 1987 (dokument 'CS2') liema art hija indikata fuq il-pjanta annessa ma' l-istess kuntratt.

3. Illi l-proprjeta` tar-rikorrenti u dik tal-konvenut huma adjacenti izda l-konvenut uzurpa parti mill-ghalqa tar-rikorrenti u approprja parti mill-ghalqa tar-rikorrenti billi okkupaha u dan ghad-detriment tar-rikorrenti;

Raguni tat-Talba

4. Illi b'konsegwenza ta' l-agir illegali tal-konvenut, ir-rikorrenti qeghdin jigu mcahhda mill-art proprjeta taghhom billi dina qeghda tigi okkuppata minghajr titolu validu mill-konvenut;

5. Illi l-konvenut gie interpellat anke permezz ta' ittra ufficjali sabiex jizgombra mill-parti ta' l-ghalqa tar-rikorrenti li huwa okkupa izda baqa' inadempjenti;

Talbiet

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna, joghgobha:

i. Tiddikjara li r-rikorrenti huma sidien tal-ghalqa maghrufa bhala tal-Harruba l-Kbira, sive ta' Sibjuna sive Ta' Ranzija, accessibli minn sqaq bla isem li jghati ghal fuq Triq Ghar Hasan, Benghajsa limiti ta' Birzebbugia tal-kejl ta' circa elf mija u hamsa u ghoxrin metri kwadri (1125mk);

ii. Tiddikjara li l-konvenut invada l-art tar-rikorrenti billi okkupa parti mill-ghalqa minnhom akkwistata bil-kuntratt ippubblikat fis-16 ta' Dicembru 1994 minn Nutar Dottor Mario Bugeja;

iii. Tordna lill-konvenut jizgombra minn dik il-parti ta' l-art li giet minnu okkupata b'mod illegali u minghajr titolu validu u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti;

iv. Tordna lill-konvenut jirripristina dik il-parti ta' l-art minnu abbuzivament okkupata u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti u dan anke taht id-direzzjoni ta' perit arkitett mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti ghal dan il-ghan;

v. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jaghmlu dawk ix-xoghlijiet mehtiega fin-nuqqas tal-konvenut;

vi. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, u tikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess danni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali. Il-konvenut huwa ingunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Konvenut Joseph Farrugia ippreżentata u maħluf minnu fit-8 ta' Ottubru 2012 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

"1. Illi huwa ma ha l-ebda parti mill-art ta' l-atturi ghaliex kienu l-istess atturi li bnew il-hajt divizorju ta' bejn iz-zewg propjetatjiet u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-ossevanza tal-gudizzju.

2. Illi mhux minnu li l-konvenut ghamel xi agir illegali u mhux minnu wkoll li l-konvenut okkupa xi parti mill-art ta' l-atturi ghaliex kienu l-atturi li bnew il-propjeta taghhom u kienu huma li bnew il-hajt divizorju bejn il-propjeta tal-partijiet, fi zmien meta l-istess konvenut kien qieghed l-Awstralja.

3. Illli peress li l-konvenut m'ghamel l-ebda att kif imsemmi mill-atturi, izda kienu l-atturi li 'ddividew' il-propjetajiet bil-hajt divizorju li tellghu meta bnew id-dar taghhom, ma jista' qatt jirrizulta li l-konvenut invada xi propjeta ta' haddiehor.

4. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez konra l-istess atturi. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri ohra permessi bil-ligi."

Rat li l-Konvenut ipprevala ruħu mit-talbiet attriċi u ppreżenta kontro-talba kontestwalment mar-risposta ġuramentata li permezz tagħha ssottometta s-segwenti talbiet rikonvenzjonali:-

"1. Illi konvenut kellu porzjon ta' art fil-limiti ta' Benghajsa jghidulha 'Tan-Nanna' jew 'Ta' Ranzija' b'kejl ta' circa 1237m2 izda fil-kuntratt ta' l-akkwist kien hemm imnizzel il-kliem: '<u>izda fiha kemm fiha kejl b'dak li fiha</u>, tmiss minn nofsinhar u mil-Lbic ma' raba' ta' Liberata Camilleri u mill-punent ma' raba ta' Filippo Zammit jew irjieh verjuri kif soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' sittax-il centezmu u sebgha millezmi, minn haga ohra franka u libera u bid-drittijiet u l-pertinenzi taghha kollha. <u>Pjanta ta' din il-bicca art jew raba' qeghda tigi hawn mehmuza markata b'ittra "A"</u>. (ara kuntratat tal-akkwist ta' Joseph Farrugia markat DOK JF1, anness ma' din il-kontro-talba, pagna 3 para. 4).

2. Illi effettivament l-art kellha kejl ta' 1560m2 kif indikat fl-istess pjanta annessa mal-kuntratt ta' l-akkwist tal-konvenut DOK JF1.

3. Illi l-atturi ghar-ragunijiet taghhom, meta annettew il-pjanta ta' l-akkwist tal-konvenut mar-rikors guramentat taghhom, hallew nofs il-pjanta barra biex ma jurux il-kejl veru tal-propjeta tal-konvenut.

4. Illi meta l-konvenut siefer ghal ftit zmien l-Awstralja u gie lura, sab li l-atturi kienu tellghu hajt divizorju bejn il-proprjetajiet tal-partijiet u l-art li kellhom l-atturi bnewha.

5. Illi meta ghamlu dan, l-atturi invadew l-art tal-konvenut u hadulu parti mill-art tieghu. Dan innutah meta gie lura mill-Awstralja ghaliex fost l-ohrajn kellu blata li spiccat fil-propjeta tal-atturi.

6. Illi l-atturi qaghdu jistennew lill-konvenut isiefer sabiex jiehdu l-ligi b'idejhom u jiehdu mill-art tal-konvenut kemm iridu.

7. Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din il-Qorti jghogobha:

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa l-propjetarju ta' l-art fil-limiti ta' Birzebbuga kontrada 'Ta' Benghajsa', jghidulha 'Tan-Nanna' jew 'Ta' Ranzija', tal-kejl ta' cirka 1237m2 'izda fiha kemm fiha b'dak li fiha' tmiss minn nofsinhar u mil-Lbic ma' raba' ta' Liberata Camilleri u mill-punent ma' raba' ta' Filippo Zammit jew irjieh verjuri kif soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' 16c 7m, u **skond il-pjanta mehmuza ma' l-istess kuntratt bl-ittra "A".**

2. Tiddikjara li l-atturi invadew il-propjeta tieghu 'l fuq deskritta kif murija fuq il-pjanta annessa ma' DOK JF1 u dan anke b'hatra ta' periti biex istabbilixxu dan.

3. Tordna lill-atturi sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombraw mill-art ta' l-konvenut li huma hadu abbuzivament.

4. Tordna lill-atturi jergghu jirrispristinaw dik il-parti ta' l-art minnhom abbuzivament okkupata u dan fi zmien li jghogobha tiffissa din il-Qorti.

5. Tawtorizza lill-konvenut illi fin-nuqqas ta' dan jaghmel dawk ix-xoghlijiet mehtiega sabiex jerga' jiehu l-pussess ta' l-art mehuda lilu u dan bi spejjez ta' l-atturi.

6. Tikkundanna lill-atturi ihallsu lill-konvenut dawk id-danni li tistabilixxi din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tar-rikorrenti għall-azzjoni rikonvenzjonali tal-konvenut datata 12 ta' Diċembru 2012, li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:-

> "1. Illi l-art pretiza minn Joseph Farrugia bhala art tieghu ma tappartjanix lilu izda huwa sempliciment qeighed jittenta din il-kontro talba sabiex jittenta jottjeni dikjarazzjoni ta' proprjeta f'ismu minghajr ma ghandu titolu legali u validu fil-ligi;
>
> 2. Illi l-esponenti b'ebda mod ma invadew l-art ta' Joseph Farrugia izda kien l-istess Farrugia li ha u dahal b'mod abbuzziv fl-art proprjeta taghhom.
>
> 3. Illi Farrugia ghandu jigi allokat l-ispejjez kollha tal-kontro talba minnu maghmlua billi din il-kontro talba hija frivola u tinkorpora fih biss l-eccezzjonijiet li l-istess Farrugia ressaq ghat-talbiet maghmula mill-esponenti fir-rikors promotorju;
>
> 4. Illi t-talbiet imressqa minn Joseph Farrugia huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
>
> 5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Diċembru 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** L-Atturi u l-Konvenut huma proprjetarji ta' żewġ porzjonijiet art adjaċenti f'Bengħajsa limiti ta' Birżebbuġia.

**2.** L-art tal-Atturi ġiet hekk akkwistata minnhom permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Diċembru 1994 (ara a' fol 5). Bis-saħħa ta' dan l-att l-Atturi xtraw '*l-*

*għalqa, magħrufa bħala tal-Ħarruba l-Kbira, sive 'Ta' Sibjuna' sive "Ta Ranzija", aċċessibli min sqaq bla isem li jgħati fuq Triq Għar Ħasan, Bingħajsa, limiti ta' Birżebbugia, tal-kejl ta' ċirka tomna (1T) ossia tal-kejl ta' ċirka elf mija u ħamsa u għoxrin metri kwadri (1125mk) jew kejl verjuri, kif rawha u aċċċettawha l-kumpraturi, kif inhi aħjar indikata fuq il-pjanta annessa u markata document ittra 'A', konfinatni mill-lvant ma' beni tal-Konvenut Joseph Farrugia, punent ma beni maħduma minn Nazzareno Aquilina u nofsinhar ma sqaq bla isem, libera u franka, bid-drittjjiet u l-pertinenzi tagħha kollha.*' (ara fol 6).

**3.** L-art tal-Konvenut ġiet hekk akkwistata minnu permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Marzu 1987 (ara fol 12, 27, 136 jew 155). Skont dan il-kuntratt il-Konvenut xtara "*l-għalqa fil-limiti ta' Birżebbugia, kontrada "Ta' Bingħajsa" jgħidulha "Tan-Nanna" jew "Ta' Ranzija" tal-kejl ta' ċirka tomna u parti waħda minn għaxra ta' tomna ċirka elf mitejn u sebgħa u tletin metru kwadru (1237m2) iżda fiha kemm fiha kejl b'dak li fiha, tmiss min-nofs-inhar u mil-lbiċ ma' raba ta' Filippo Zammit jew irjieħ ta' Liberata Camilleri u mill-punent ma raba ta' Filippo Zammit jew irjieħ verjuri kif soġġetta għaċ-ċens…minn ħaġa oħra franka u libera bid-drittijiet u pertinenzi tagħha kollha. Pjanta ta' din il-biċċa art jew raba qiegħda tiġi hawn mehmuża markata b'ittra "A".*"

**4.** Permezz ta' din l-azzjoni, l-Atturi qed jippremettu li l-Konvenut invada parti mill-art akkwistata minnhom bl-att imsemmi tas-16 ta' Diċembru 1994 u li qed jokkupha b'mod illegali u mingħajr titolu vaildu.' Huma għalhekk qed jitolbu

lil din il-Qorti sabiex tordna lill-Konvenut jirripristina dik il-parti tal-art li ġiet minnu hekk okkupata.

**5.** Permezz tal-kontro-talba, il-Konvenut qed jikkontendi li l-art akkwistata bl-att imsemmi tinkludi kemm dik il-parti li l-Atturi qed jgħidu li ġiet hekk invaża minnu llegalment kif ukoll parti ulterjuri li ġiet invaża mill-Atturi hekk kif xtraw l-art tagħhom f' Diċembru 1994. Skont il-Konvenut rikonvenjenti, dan l-Atturi għamluh meta 'ħadu l-liġi b'idejhom' u tellgħu ħajt 'diviżorju' waqt li l-Konvenut kien imsiefer l-Awstralja, jiġifieri fis-sena 1995 (ara xhieda konvenut a' fol 202 u premessa numru 4 a' fol 25). Huwa għalhekk qiegħed ukoll jitlob lil din il-Qorti sabiex tordna lill-atturi rikonvenuti jirripristinaw dik il-parti tal-art suppost abbużivament okkupata minnhom.

<u>**Punti ta' Liġi**</u>

**6.** Permezz ta' din l-azzjoni, l-Atturi qed jitolbu għar-rikonoxximent tad-dritt u, bħala konsegwenza, r-restituzzjoni ta' din il-biċċa art okkupata mill-Konvenut. L-azzjoni hawn eżerċitata hija għalhekk ta' natura rivendikatorja ai termini tal-artikolu 322(1) tal-Kodiċi Ċivili.

**7.** Bit-talba rikonvenzjonali, il-Konvenut ukoll qed jinvoka t-titolu ta' propjeta`. Għalhekk ma hux jiddfendi lilu nnifsu bil-pussess iżda b'titolu aħjar minn dak tal-attur biex b'hekk jirrendi l-konsiderazzjoni tar-rivendika f'*actio publiciana*. Tali azzjoni hija estensjoni tal-pretensjoni fil-petitorju, meħuda mid-Dritt Ruman.

**8.** Kif insenjat il-**Qorti Ċivili Prim' Awla fis-sentenza Anthony Mizzi et vs Alfred Cachia noe mogħtija fil-15 ta' Marzu 2011**, l-azzjoni ta' rivendika "*titfa' piż qawwi fuq min jagħmilha għaliex irid iressaq l-aqwa provi dwar il-jedd tiegħu fuq il-beni li jrid jieħu lura f'idejh. Din ir-regola waslet biex ħolqot il-frażi "probatio diabolica" biex turi kemm huwa għoli l-grad meħtieg ta' prova li jrid iressaq attur f'kawża ta' din ix-xorta: u dan għaliex actore non probante reus absolvitur, filwaqt li in pari causa melior est conditio possidentis (App. Civ.* ***25.6.1945****, fil-kawża fl-ismijiet* ***Cassar Desain vs Cassar Desain Viani et*** *(Kollezz. Vol:* ***XXXII.i.272****)*

*M'huwiex għalhekk biżżejjed li l-attur jipprova li l-gid rivendikat m'huwiex tal-imħarrek (App. Civ.* ***12.2.1936*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Curmi et noe vs Depiro et*** *(Kollezz. Vol:* ***XXIX.i.475****); u App. Civ.* ***6.7.1993*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Simpson noe vs Borg*** *(Kollez. Vol:* ***LXXVII.ii.310****) u f'każ ta' xi dubju fir-rigward tat-titolu tal-parti rivendikanti, dan imur favur il-parti mħarrka (P.A. PS* ***27.6.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Ernest Borg Grech et vs Francis Żammit et****). Min-naħa l-oħra, l-imħarrek m'għandu għalfejn jipprova xejn, sakemm ma jgibx 'il quddiem huwa nnifsu l-eccezzjoni li t-titolu tal-gid rivendikat jinsab vestit fih (App. Civ.***21.1.1946****, fil-kawża fl-ismijiet* ***Agius noe vs Genovese et*** *(Kollezz. Vol:* ***XXXII.i.735****) u l-ohra P.A.* ***17.3.1961****, fil-kawża fl-ismijiet* ***Ellul et vs Ellul et*** *(Kollezz. Vol.:* ***XLV.ii.586****), f'liema każ, imbagħad, il-Qorti trid tqabbel it-titoli rispettivi tal-partijiet. Dan jingħad għaliex jekk fl-azzjoni rivendikatorja l-imħarrek jiddefendi ruħu, mhux fuq il-bażi tal-pussess, imma fuq dik ta' titolu,*

*allura f'dak il-każ il-Qorti jkollha tidħol f'eżami tat-titolu vantat mill-imħarrek u tqis is-siwi tiegħu bl-istess għarbiel li tqis it-titolu tal-attur rivendikant (App. Civ.* ***5.10.2001*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Nancy Mangion et vs Albert Beżżina Wettinger****);*

*Illi, b'żieda ma' dan kollu, huwa meħtieg li l-attur, f'kawża bħal din, igib provi ta' titolu li jkun originali u mhux derivattiv. B'tal-ewwel, l-awturi u d-duttrina tifhem dak it-titolu li jitnissel favur persuna mingħajr ma jkun mgħoddi lilu minn ħaddieħor, filwaqt li titolu derivattiv huwa dak fejn il-jedd jgħaddi mingħand persuna għal għand oħra (Ara. Andrea Torrente Manuale di Diritto Privato 9a Ediz. (1975), 29 pp 71 et. seq.)*

*Dan ifisser li jista' jkun hemm kisba b'titolu originali wkoll fejn il-ħaga, qabel, kienet ta' ħaddieħor imma li tkun waslet għand is-sid attwali mingħajr ma tkun ingħaddiet lilu mis-sid ta' qabel: dan iseħħ, per eżempju, fejn wieħed jikseb bil-pussess għal żmien ta' izjed minn tletin sena bla ma qatt ikun gie mfixkel f'dak il-pussess, jew fejn wieħed iżomm oggett mitluq minn ħaddieħor għaż-żmien meħtieg (Ara, per eżempju, tifsira cara ta' dan kollu f' Mag (Għ) AE* ***8.6.2010*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Avukat Dr. Carmelo Galea noe et vs Kummissarju tal-Artijiet et*** *(appellata);*

*Illi, madankollu, u minħabba li f'xi każijiet ikun impossibbli li wieħed juri titolu originali, sa minn dejjem gie mogħti lir-rivendikant id-dritt li jipprova titolu aħjar minn dak tal-parti mħarrka. Fi kliem ieħor, meta l-kriterji rigorużi tal-azzjoni rivendikatorja ma jistgħux jitwettqu għar-rigward tal-piż tal-prova tat-titolu, l-attur*

*jingħata l-jedd li jipprova titolu aħjar minn tal-parti mħarrka (P.A.* ***14.5.1935*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Fenech et vs Debono et*** *(Kollez. Vol:* ***XXIX.ii.488****); u App. Civ.* ***27.2.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Anna Cassar vs Carmela Stafrace et****). Din l-azzjoni hija magħrufa bħala l-actio publiciana (in rem), li hija azzjoni rejali ta' għamla petitorja fejn is-saħħa tat-titolu huwa mkejjel inter partes u mhux, bħal fil-każ tal-azzjoni rivendikatorja vera u proprja, erga omnes. Huwa rimedju li l-Qrati tagħna tawh għarfien, ukoll fil-qafas ta' azzjoni ta' rivendika ta' gid minn idejn ħaddieħor (Ara, per eżempju, App. eiv.* ***12.12.2002*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***John Vella et vs Sherlock Camilleri*** *u P.A. TM* ***9.10.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Benmar Company Ltd. vs Charlton Saliba*** *għal espożizzjoni cara tal-aspetti ta' dritt li jsawru din l-għamla ta' kawża). B'mod partikolari, dan it-tqabbil tat-titoli tal-parti attrici u tal-parti mħarrka jsir meħtieg meta l-parti mħarrka tiddefendi lilha nnifisha bl-eccezzjoni ta' titolu li jħabbatha mat-titolu tal-parti attrici, li, implicitament, titqies li hija eccezzjoni li tagħraf it-titolu tal-parti attrici (Ara, f'dan is-sens App. Civ.* ***16.5.1962*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Abela vs Żammit*** *(Kollez. Vol:* ***XLVI.i.619****));"*

**9.** Di piu` sabiex jitneħħa kull ekwivoku u ma tinħoloqx l-impressjoni illi l-azzjoni publiciana hija xi forma 'ekonomika' tal-azzjoni *rei vindicatoria* – speci ta' *actio rei vindicatoria 'lite'* li l-attur jista' liberament jagħżel bejn waħda u l-oħra – dawn il-Qrati josservaw illi dik li llum tissejjaħ *actio publiciana* ma hijiex l-azzjoni publiciana tad-dritt Ruman. L-*actio publiciana* kienet *actio utilis ficticia in rem* li l-pretur kien jagħti lil min *cum iusta causa* iżda b'mod ta' akkwist li ma jiswiex għat-trasferiment ta' res mancipi – e.g. *traditio* flok *mancipatio* jew *in*

*jure cessio* – ikun kiseb *res mancipi* u jkun kisibha *a domino*, u jitlef il-pussess tal-ħaġa qabel ma jkun laħaq għadda ż-żmien biex ikun ikkonsolida t-titolu u kiseb il-proprjetà b'*usucapio*. B'funzjoni li ghadda żmien biżżejjed biex seħħet *usucapio* l-pretur kien jippermetti lill-attur li jikseb lura l-pussess ukoll mingħand is-sid kwiritarju. Fid-dritt modern ma għadx hemm id-distinzjoni bejn *res mancipi* u *res nec mancipi* u għalhekk strettament ma hemmx lok għall-azzjoni publiciana, lanqas favur min ikun kiseb immobbli mingħajr att pubbliku (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Richard England -vs- Joseph Muscat tad-29 ta' Ottubru 2018**).

**Konsiderazzjonijiet**

**10.** Fir-risposta ġuramentata tiegħu, il-Konvenut laqa' għall-azzjoni tal-Atturi billi eċċepixxa li huwa għandu jkun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Il-Konvenut qiegħed għalhekk jeċċepixxi li huwa ma huwiex il-leġittimu kontradittur. Dan għaliex qed jinsisti li l-atturi stess iddividew iż-żewġ artijiet adjaċenti b'ħajt li huma tellgħu meta bnew id-dar tagħhom.

**11.** L-eċċezzjoni tal-illeġittimu kontradittur, jekk tintlaqa', twassal sabiex il-persuna ċitata fil-ġudizzju li tkun issollevatha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Dan għaliex il-persuna tiġi hekk meħlusa għaliex tkun instabet li "*prima facie* … [ma] *kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*" Hija għalhekk ma titqiesx idoneja biex tirrispondi għat-talbiet Attriċi, inkwantu dawn

ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li ma kenitx mitluba tissodisfa (ara **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et, 5 ta' Ottubru 2001, Qorti tal-Appell**).

**12.** Il-Konvenut, *qua* l-pussessur ta' dik il-parti ta' art li f'din l-azzjoni l-Atturi qed jirriklamaw bħala tagħhom, huwa perfettament indoneju biex jirrispondi għat-talbiet Attriċi kif imsejsa fuq l-Artikolu 322 tal-Kap. 16. Il-ħajt li l-Atturi iddeċidew jibnu u n-natura tal-istess huwa għal kollox irrileventi għad-determinazzjoni ta' din l-azzjoni li tirrikjedi biss l-aqwa prova tat-titolu tal-proprjeta\` reklamata (ara ġurisprudenza ċitata supra). Kif ġie ritenut, "*huwa magħruf li hemm titolu skond il-liġi, meta l-pussess ikun ġie akkwistat permezz ta' waħda mill-kawżi kapaċi li jitrasferixxu l-proprjeta*\`" kif speċifikati fl-artikolu 560 tal-Kap. 16 (**Giuseppe Ellul et vs Raimondo Ellul et**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 17 ta' Marzu 1961**). Skont dan l-Artikolu, proprjetá ma tiġix akkwistata bis-saħħa ta' fejn ġie mtella' ħajt minn xi ħadd mill-partijiet, iżda tiġi akkwistata u trasferita b'suċċessjoni, jew bis-saħħa ta' ftehim, jew bil-preskrizzjoni.

**13.** Il-Qorti sejra għaldaqstant tiċħad din l-eċċezzjoni tal-Konvenut u sejra tgħaddi biex tiddetermina l-mertu.

**14.** Permezz tal-kontro-talba, il-Konvenut qed jikkontendi li l-art akkwistata bl-att imsemmi tinkludi kemm dik il-parti li l-Atturi qed jgħidu li ġiet hekk invażа minnu llegalment kif ukoll parti ulterjuri li, dejjem skont il-Konvenut rikonvenjenti, ġiet invaża mill-Atturi hekk kif xtraw l-art tagħhom f' Diċembru 1994. Dan l-Atturi allegatament għamluh meta 'ħadu l-liġi b'idejhom' u tellgħu ħajt 'diviżorju' waqt li l-Konvenut kien imsiefer l-Awstralja, jiġifieri fis-sena 1995 (ara xhieda

konvenut a' fol 202 u premessa numru 4 a' fol 25). Il-Konvenut rikonvenjenti qed isejjes din is-sottomissjoni fuq ir-raġuni li, għalkemm fl-att tal-akkwist tal-Konvenut il-kejl tal-art ġie dikjarat bħala ċirca 1237 $m^2$, l-art ġiet akkwistata "fiha kemm fiha kejl b'dak li fiha" u li effettivament kellha kejl ta' 1560 $m^2$ kif indikat fil-pjanta annessa mal-istess att bl-ittra A (ara a' fol 28 u fol 30).

**15.** Kif insenjat fis-sentenzi ċitati supra, b'din il-kontenzjoni l- Konvenut daħal f'kompetizzjoni ta' titolu bejnu u l-Atturi. Dan għaliex bil-premessi rikonvenzjonali, il-Konvenut impliċitament għaraf it-titolu tal-parti attriċi u ddeċida jiddefendi lilu nnifisu billi, minflok iwaqqaf l-azzjoni rivendikatorja, jirreklama titolu miksub minnu.

**16.** Ġie ritenut "*Illi meta l-parti mħarrka ma tillimitax ruħha biss biex tilqa' għall-azzjoni rivendikatorja billi tinvoka l-pussess, iżda tgħaddi biex tinvoka titolu, il-Qorti jkollha tqis it-titolu hekk invokat. U jekk kemm-il darba l-parti mħarrka ma jseħħilhiex turi tajjeb dak it-titolu tagħha, taqa' u tfalli d-difiża tagħha safejn imsejsa fuq it-titolu (P.A. 23.1.1953 fil-kawża fl-ismijiet Busuttil vs Abela et (Kollez. Vol: XXXVII.ii.630)). U ladarba tfalli dik il-linja ta' difiża, il-parti mħarrka ma tkunx tista' mbagħad terġa' tistkenn taħt id-difiża tal-pussess tagħha tal-art rivendikata mill-parti attriċi, għaliex huwa jrid jagħżel jew il-waħda jew l-oħra (P.A. 16.5.1962 fil-kawża fl-ismijiet Abela vs Żammit (Kollez. Vol: XLVI.i.619)). Meta l-parti mħarrka tinvoka favuriha t-titolu kontra l-parti attriċi rivendikanti, il-parti mħarrka ssir qisha kienet hi l-parti rivendikatriċi u jkollha turi titolu tajjeb li l-liġi tistenna f'azzjoni petitorja bħal din, minbarra li tkun qiegħda*

*impliċitament tagħraf it-titolu tal-parti attriċi (App. Ċiv. 9.1.2009 fil-kawża fl-ismijiet Markiża Beatrice Cremona Barbaro of St John noe et vs Joseph Vella Galea et);*" (**Lay Lay Company Ltd (C-4534) vs Joseph Abela et**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 22 ta' Ottubru 2019 (mhux appellata)**).

**17.** Għalhekk bil-kontro-talba istwita mill-Konvenut, il-ġudizzju ma baqax wieħed ta' effett *erga omnes* ibbażat fuq prova ċerta tat-titolu tal-attur, iżda sar wieħed *inter partes*, ibbażat fuq studju komparattiv tal-pretensjonijiet tal-partijiet:

"*huwa magħruf li jekk, f'azzjoni ta' rivendika, l-parti mħarrka … jopponu għall-azzjoni billi jinvokaw titolu favur tagħhom, allura l-Qorti tkun ta' bilfors meħtiega li tqis mhux biss it-titolu tal-parti rivendikanti, iżda wkoll dak tal-parti li kontra tagħha tkun tressqet l-azzjoni ta' rivendika (App. Civ.* ***9.1.2009*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Markiza Beatrice Cremona Barbaro of St. George et vs Joseph Vella Galea et****). Għalhekk, filwaqt li l-azzjoni attrici kienet waħda ta' aċċertament ta' titolu, bis-saħħa tal-imsemmija eċċezzjoni tagħhom dwar l-akkwist b'titolu ta' preskrizzjoni, ġabu l-ħtiega li l-Qorti tistħarreg is-siwi tat-titolu tagħhom ukoll u mhux biss dak ta' [l-atturi], kif kien ikun il-każ li kieku l-[azzjoni] baqgħet waħda ta' rivendika "sempliċi"*" (**Anthony Mizzi et vs Alfred Cachia noe** citata supra).

**18.** Kif ġia\` ingħad, it-titolu li qed jinvoka l-Konvenut rikonvenjenti huwa wieħed li skontu ġie akkwistat bl-att tad-9 ta' Marzu 1987 li jistipula li l-art ġiet akkwistata "fiha kemm fiha kejl b'dak li fiha". Il-Konvenut jinsisti li effettivament

l-art kellha kejl ta' 1560 $m^2$ kif indikat fil-pjanta annessa mal-istess att bl-ittra A mhux ta' 1237 $m^2$ kif indikat fl-att innifsu.

**19.** Fin-nota tiegħu l-Konvenut jagħmel distinzjoni bejn akkwist *ad corpus* u akkwist *ad mensuram*. Huwa jissottometti li bl-att tal-1987 huwa akkwista l-art *ad corpus* iktar milli *ad mensuram* minħabba li ġiet hekk akkwistata "*fiha kemm fiha kejl b'dak li fiha*" (ara a' fol 246 u kuntratt a' fol 28). Peress li l-art inxtrat *ad corpus*, il-Konvenut jinsisti li "*l-kejl jiġi sekondarju għaliex ikun biss indikattiv*" u li għalhekk "*xejn ma jtellef mill-fatt li persuna tkun xtrat raba sħiħa u għandha titolu valida fuqha*" (ara para 40 u 41).

**20.** Jekk il-Konvenut jaħseb li huwa akkwista *ad corpus* u rriżultalu diskrepanza fil-prezz, allura huwa kellu jeżawrixxi ruħu mir-rimedji li l-liġi tipprovdi fl-artikoli 1402 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili (ara f'dan is-sens l-istess sentenzi ċitati mill-Konvenut **Borg Francis vs Farrugia Alfred Paul** u **Micallef vs JCR Limited et** u **L-onovervoli Perit Carmelo Vella et vs Anthony Cassar pro et noe** a' fol 247 u 248). Il-Konvenut iżda ċertament ma setax jieħu l-liġi b'idejh u jinvadi art li ma hiex tiegħu.

**21.** Kif ġie tajjeb ritenut fis-sentenza **Mercury plc vs Emanuel sive Manuel Muscat et** mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti (per Imħ. Tonio Mallia) fl-20 ta' Ottubru 2005, "*Darba li l-bejgh sar ta' fond definit, japplika l-artikolu 1402 tal-Kodici Civili li jaghti lix-xerrej id-dritt biss li jitlob tnaqqis fil-prezz f'kaz li jirrizulta li d-differenza fil-kejl tkun ta' aktar minn 20%. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "<u>Magri vs Zammit</u>", decisa fit-22 ta' Novembru, 1983,* ***<u>darba jirrizulta li l-</u>***

***konvenut xtara 'corpus determinat', u dana sebbene segwita bil-menzjoni tal-kejl, f'kaz li jkun hemm zball fil-kejl, dan l-izball ma jaghtih ebda dritt li jinvadi l-fond ta' l-attur biex b'hekk ikun okkupa l-kejl kollu li skond il-kuntratt kien akkwista; jekk il-fond tieghu huwa dificienti fil-kejl, dan jista' jaghtih drittijiet ohra kontra l-venditur, imma certament mhux li jizurpa mill-art ta' haddiehor. Kif kompliet tosserva din il-Qorti fil-kawza "Meli Bugeja vs Gauci", decisa fit-12 ta' Jannar, 2001, xerrej ma jistax iqies art ohra bhala "tieghu" biex jigi li akkwista l-kejl indikat fil-kuntratt.***" (emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti).

**22.** Il-kontenzjoni tal-Konvenut m'għandha għalhekk l-ebda bażi ġuridika. Fid-dawl tal-ġurisprudenza appena ċitata, id-distinzjoni ta' art akkwistata *ad corpus* minn dik akkwistata *ad mensuram* isservi sabiex jiġi individwat ir-rimedju li għandu jiġi użufruwiet, jiġiferi jekk hux dak taħt l-artikolu 1400 (bejgħ ad mensuram) jew dak taħt l-artikolu 1402 (bejgħ mhux ad mensuram). Iżda ċertament ma jistax jitqies li min akkwista *ad corpus* għandu, għal kuntrarju ta' min akkwista *ad mensuram*, xi dritt li jagħmel tiegħu art ta' ħaddieħor, hekk kif qiegħed jippretendi l-Konvenut fin-nota tiegħu.

**23.** Fi kwalunkwe każ, jirriżulta mill-kostatazzjonijiet tal-Perit maħtur mill-Qorti a' fol 129, li "*fil-fatt l-għalqa illi qiegħed jokkupa l-konvenut għandha arja superfiċjali ta' cirka 1504 metri kwadri*" u mhux ta' 1560 metri kwadri kif hemm imniżżel fil-pjanta mehmuża mal-kuntratt tal-akkwist tiegħu. L-istess espert tekniku jikkonstata li "*teknikament dan ma setax kien il-każ* [li l-art akkwistata

mill-Konvenut għandha arja superfiċjali ta' ċirka 1560 metri kwadri]*, għaliex fil-fatt l-arja kollha okkupata mil-proprjetajiet tal-attur u tal-konvenut jammontaw għal c. 2550 metri kwadri, illi jirriżultaw inqas milli 1125 metri kwadri illi akkwista l-attur, u l-1560 metri kwadri illi qiegħed jgħid illi għandu k-konvenut (2685 metri kwadri).*"

**24.** Isegwi għalhekk li l-Konvenut m'għandu l-ebda titolu għall-parti tal-art hawn rivendikata mill-atturi konjuġi Sacco. Dan peress li t-titolu invokat minnu fil-premessi rikonvenzjonali ma huwiex tajjeb u lanqas biss jeżisti.

**25.** F'dan l-istadju l-Qorti tirrileva wkoll li s-sottomissjonijiet fuq il-preskrizzjoni akkwiżittiva sollevati mill-Konvenut rikonvenjenti fin-nota tieghu ma jiċċentraw xejn mat-titolu invokat mill-Konvenut fit-talba rikonvenzjonali tiegħu. Imkien mill-premessi rikonvenzjonali ma jirriżulta li l-Konvenut invoka titolu akkwistat bil-preskrizzjoni (Ara a' fol 241 u 242). La darba għażel li jiddefendi lilu nnifsu bil-mod imsemmi l-Qorti għalhekk ma hiex sejra tqis tali sottomissjonijiiet. Di piu`, il-Qorti ma tistax tippermetti li eċċezzjoni bħal din meta ma tkunx ingħatat formalment fil-bidu tal-Kawża jew b'mod ulterjuri. Jekk tagħmel hekk tkun qed tqiegħed lill-parti l-oħra fi żvantaġġ peress li ma kenitx f'pożizzjoni li tiddefendi ruħha dwar dan il-punt. L-eċċezzjonijiet għandhom jinagħtaw b'mod formali u mhux b'sorpiża għall-parti l-oħra fil-Kawża.

**26.** It-titolu tal-Atturi fuq l-art hawn minnhom rivendikata, akkwistat bis-saħħa tal-att tas-16 ta' Diċembru 1994, ġie min-naħa l-oħra ippruvat. Kif ikkostata l-espert tekniku maħtur mill-Qorti a' fol 128, "*l-ammont ta' arja imniżżla fil-kuntratt*

*ta' akkwist taqbel (varjazzjoni ta' 5 metri kwadri), mal-arja indikata fuq il-pjanta iffirmata, mehmuża mal-istess kuntratt. ...Irriżulta illi d-differenza fl-arja tal-art bejn dak illi akkwista l-attur u dak illi fil-fatt hemm fis-sit, illi tammonta għal ċirka 74 metru kwadru (varjazzjoni ta' 6.6%) hija okkupata mill-konvenut. Irriżulta għalhekk illi l-konvenut qiegħed jokkupa strixxa wiesa 1.6 metri tul il-fond kollu mal-ħajt illi bena l-attur.*"

**27.** Il-Qorti hija għalhekk sodisfatta li l-jedd tal-Attriċi fuq l-art in kwistjoni ġie ampjament aċċertat u pruvat bil-mod insenjat fis-sentenza ċitata fil-kunsiderazzjonijiet legali supra. Din il-Qorti għalhekk ma ssib l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tgħaddi biex tilqa' it-talbiet tal-atturi, b'eċċezzjoni għas-sitt talba attriċi, u konsegwentement tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali.

**28.** Il-Qorti ma hiex se tilqa' s-sitt talba attriċi għad-danni billi, ladarba din il-Qorti se tilqa' ir-raba' talba attriċi u tordna l-Konvenut jirripristina dik il-parti tal-art minnu abbużivament okkupata, ma hemm l-ebda danni subiti mir-rikorrenti. Difatti ma hemm xejn li ġie preżentat fl-atti li b'xi mod juri jew jagħti ħjiel ta' xi forma ta' danni subiti mill-istess Atturi. Iżda anke li kieku din il-Qorti kellha tillikwida xi kumpens. Jekk dan il-kumpens kellu jirrifletti ħlas għall-okkupazzjoni tal-art. Din il-Qorti ma għandiex quddiemha xi rapport ex-parte f'dan is-sens. Lanqas il-perit inkarigat mill-Qorti ma għamel xi rapport f'dan ir-rigward u lanqas ġie eskuss. Għalhekk in linea mal-prinċipju ei qui allegat incumbit probatio, prinċipju li jinsab santifikat fl-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dawn id-danni ma ġewx ipprovati.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-Konvenut.

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-atturi huma sidien tal-għalqa magħrufa bħala tal-Ħarruba l-Kbira, sive ta' Sibjna sive Ta' Ranzija, aċċessibbli minn sqaq bla isem li jgħati għal fuq Triq Għar Ħasan, Bejngħajsa limiti ta' Birżebbuġia tal-kejl ta' ċirca elf mija u ħamsa u għoxrin metri kwadri (1125mk);

**Tilqa' t-tieni talba Attriċi** u tiddikjara li l-Konvenut invada l-art tal-atturi billi okkupa parti mill-għalqa minnhom akkwistata bil-kuntratt ippubblikat fis-16 ta' Diċembru 1994 min-Nutar Dottor Mario Bugeja;

**Tilqa' t-tielet talba Attriċi** u tordna lill-konvenut jiżgombra minn dik il-parti ta' l-art li ġiet minnu okkupata b'mod illegali u mingħajr titolu validu u dan fi żmien tlett (3) xhur mid-data ta' din is-Sentenza, liema art hija ta' ċirka wieħed punt ħames metri ($1.5^{m}$) u kif indikata fil-para 3 tar-rapporti tal-Perit Mario Cassar (a' fol 630) u indikata fl-aerial photo (a' fol 631).

**Tilqa' r-raba' talba Attriċi** u tordna lill-konvenut jirripristina dik il-parti tal-art minnu abbużivament okkupata u dan fi żmien tlett (3) xhur mid-data ta' din is-Sentenza u taħt id-direzzjoni tal-Perit Mario Cassar maħtur għal dan il-għan;

**Tilqa' l-ħames talba attriċi** u tawtorizza lill-atturi sabiex jagħmlu dawk ix-xogħlijiet meħtieġa fil-każ li l-konvenut jonqos li jottempera ruħu mal-Ordni tal-Qorti fiż-żmien prefiss, dejjem taħt is-supervizjoni tal-imsemmi Perit.

**Tiċħad is-sitt talba attriċi**.

**Tiċħad it-talbiet kollha rikonvenzjonali** tal-Konvenut**.**

**L-Ispejjeż** ta' din is-sentenza jitħallsu mill-Konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**